MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**MICHAEL MALLIA**

Seduta tas-27 ta' Settembru, 2012

Appell Kriminali Numru. 424/2011

**Il-Pulizija**
**(Spt. Anthony Agius)**
**Vs**
**Timothy Ellul Sullivan**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellant quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli bhala direttur tal-kumpanija Delicatessen Products Limited (C 6749) ghas-snin 1998, 1999, 2000, 2001, 2002, 2003, 2004 u 2005 b'diversi atti maghmulin minnu, ukoll jekk fi zminijiet differenti u li jkunu jiksru l-istess disposizzjoni tal-ligi u li gew maghmulin b'rizoluzzjoni wahda naqas li jibghat il-formoli tat-taxxa skond id-disposizzjonijiet tar-regoli msemmija fis-subartikoli (1) u (2) tal-artikolu 23 tal-Kap. 372 kif ukoll fir-regoli tal-1998 dwar Final Settlement System (FSS) A.L. 88 tal-1998 mahruga ai termini tal-hawn fuq imsemmi artikolu 23 naqas milli jhares id-disposizzjonijiet ta' dawk ir-regoli.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tal-21 ta' Ottubru, 2011, li biha, wara li rat l-artikoli 18 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta u 23(1)(2) tal-Kapitolu 372 tal-Ligijiet ta' Malta kif ukoll r-regolamenti 15 u 20 ta' l-Avviz Legali 88 tas-sena 1998 sabet lill-appellant hati ta' l-imputazzjoni migjuba kontra tieghu u kkundannatu multa ta' hames mitt Euro (€500).
Il-Qorti spjegat lill-appellant ai fini ta' l-artikolu 49(2) tal-Kapitolu 372 tal-Ligijiet ta' Malta li jekk fi zmien hames snin jerga` jinstab hati ta' xi reat taht xi wahda mid-disposizzjonijiet ta' l-Atti dwar it-Taxxi (sew jekk ta' l-istess xorta sew jekk le tinghata sentenza, b'zieda ma' kull piena ohra, ta' mhux inqas minn tlett ijiem prigunerija, u hekk misjub hati ghat-tieni darba u wara, matul l-imsemmija hames snin, minkejja kull disposizzjonijiet ta' l-Att dwar il-Probation jew f'xi legislazzjoni ohra, jinghata sentenza ta' prigunerija ghal zmien ta' mhux inqas minn tlett ijiem, b'zieda ma' kull piena ohra hlief ghal prigunerija ghal zmien itwal.

Rat ir-rikors tal-appellant minnu pprezentat fis-27 ta' Ottubru, 2011 li bih talab li din il-Qorti joghgobha thassar, tannulla u tirrevoka s-sentenza appellata u tilliberah minn kull piena u imputazzjoni skond il-ligi.

Fliet l-atti kollha processwali.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat illi l-aggravju tal-appellant huwa s-segwenti w cioe':-
Illi l-ewwel lok l-appellant qajjem l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni. Huwa pacifiku li l-azzjoni odjerna giet intavolata ferm wara d-dekors tas-sentejn minn snin li ghalihom tirreferi l-akkuza u kwindi l-azzjoni fil-konfront tal-appellant hija preskritta.

Illi fit-tieni lok dato ma non concesso li ma tigix milqugha l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni l-appellant jirrileva illi fil-prim'istanza huwa kien issolleva zewg sottomissjonijiet ohra li abbazi taghhom huwa issottometta li kellu jigi

lliberat mill-akkuza izda liema sottomissjonijiet lanqas biss gew imsemmija u/jew trattati fis-sentenza appellata u dan kif jista` jidher mis-sentenza.

Illi in fatti fl-ewwel istanza kien xehed ir-rapprezentant tad-Dipartiment tat-Taxxi li meta ha l-pedana u nghata l-gurament huwa beda jixhed b'referenza ghal "case number" minghajr ma ghamel ebda referenza specifika ghall-isem tas-socjeta` u/jew tal-appellant de quo.

Illi l-appellant jissottometti u ssottometta quddiem l-Ewwel Qorti illi dan in-nuqqas tal-prosekuzzjoni, li tabbina b'mod car u li ma jhalli ebda dubbju, dik ix-xhieda tar-rapprezentant mal-imputat prezenti in awla kien nuqqas car u difett serju fil-provi tal-prosekuzzjoni li kellu jwassal ghall-liberazzjoni tal-imputat.

Illi apparti minn hekk fl-ewwel istanza kien xehed ukoll rapprezentant tal-MFSA. Dan ix-xhud xehed illi l-appellant huwa direttur tal-kumpanija Delicatessen Products Limited. Izda in kontro-ezami mitlub jikkonferma jekk l-informazzjoni li kein xehed dwarha kienitx infuromazzjoni li ottjena hu personalment minn ricerka li wettaq hu personalment ix-xhud wiegeb bl-aktar mod car li ma kienx ghamel irr-ricerka hu u li kien qed jixhed abbazi ta' informazzjoni li tah persuna ohra.

Illi l-appellant jissottometti, u ssottometta quddiem l-Ewwel Qorti illi dan ukoll kien nuqqas gravi fil-provi tal-prosekuzzjoni li wkoll kellu jwassal ghall-liberazzjoni tieghu mill-akkuza.

Illi ciononostante dawn l-eccezzjonijiet l-appellant xorta instab hati tal-akkuza minghajr ma l-Ewwel Qorti immotivat ic-cahda taghha ghal tali eccezzjonijiet.

Ikkunsidrat.

Illi l-aggravji ta' l-appellant jikkonsistu principalment fl-ewwel lok li l-azzjoni tinsab preskritta mid-dikors ta' sentejn mis-snin li ghalihom qed tirreferi l-kawza u t-tieni

illi ma giex ippruvat fi grad li tghid il-Ligi l-konnessjoni ma l-appellant mal-kumpanija msemmija fic-citazzjoni.

Ikkunsidrat.

Rigward l-ewwel eccezzjoni, l-Qorti tirrileva li ghal dan il-kaz ghandhom japplikaw it-termini tal-Ligi u l-proviso ta' l-Artiklu 23(12) tal-Kap 372 li jitkellem car u jispecifika illi z-zmien tal-preskrizzjoni m'ghandu qatt jibda ghaddej qabel ma dik il-persuna tkun osservat ghal kollox id-dispozizzjonijiet ta' l-istess Artikoli. Quindi, Direttur fil-kariga jibqa responsabli versu l-Kummissarju tat-Taxxi Interni ghal dawk is-snin kollha illi jkun naqas illi jibghat ir-returns u d-dokumenti lill-istess Kummissarju u reat kontemplati fil-Kap 372 ghandhom jitqiesu bhala ta' natura permanenti u jibqghu hekk sakemm id-Direttur jew il-persuna koncernata tottempra ruha mal-Ligi u tibghat l-informazzjoni rikjesta lill-Kummissarju tat-Taxxi Interni (ara Il-Pulizija vs Joseph Mary Debono appell 9 ta' Dicembru, 2011). Mix-xhieda ta' Stephan Azzoppardi rapprezentant tal-Kummissarju tat-Taxxi Interni jirrizulta li s-socjeta Delicatessen Products Limited ma bghatitx returns u lanqas pagamenti bejn is-snin 1998 u it-2005. Minkejja illi din il-kawza gietipprezentata fi Frar ta' l-2011 l-istat ta' llegalita baqa' jippersisti u peress illi l-Ligi titkellem dwar Direttur jew ". . . min jaghmel ir-reat . . ." allura dan jibqa responsabli sa dakinhar illi huwa jottempra ruhu mal-Ligi, ghalhekk il-Qorti tichad l-agravju ta' preskrizzjoni u tghaddi biex tikkonsidra l-agravju l-iehor.

Ikkunsidrat.

L-appellant qieghed jargumenta illi hemm dibju ragonevoli dwar l-identita tieghu bhala Direttur tas-socjeta fuq imsemmija, dana 'l ghaliex ma kienx qed jixhed minn informazzjoni illi ottjena hu personalment izda minn ricerka illi ghamel haddiehor.

Ikkunsidrat.

Din il-Qorti ma kienetex prezenti meta kien qed jixhed Andrew Schembri quddiem il-Qorti tal-Magistrati, pero' xehed quddiemha u semma min kienu d-Diretturi ghas-snin inkriminanti u dawn kienu Godfrey u Timothy Ellul Sullivan, dan ta' l-ahhar bin-numru ta' l-ID 564061M. Schembri xehed illi l-informazzjoni gabha mid-dokumenti tad-Dipartiment u r-ricerka ghamilha hu stess, ghalhekk il-Qorti ma tarx kif tista tilqa dan l-agravju ta' l-appellant meta jirrizulta car illi fiz-zmien in kwistjoni kien Direttur tas-socjeta msemmija u bhala tali kien responsabli illi jibghat il-formoli bil-pagamenti koncernati kull xahar lill-Kummissarju tat-Taxxi Interni, haga illi hu ma ghamilx. Ghalhekk il-Qorti issib illi l-ewwel Qorti kienet korretta fid-decizjoni taghha u mhux il-kaz illi din tigi disturbata.

Ghal dawn il-mottivi taqta' u tiddeciedi illi tichad l-appell u tikkonferma s-Sentenza appellata.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------